MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 73/1997/1

K3 Company Limited .

vs

Joseph Sultana .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigu kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija, sebgha u sittin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm367.54) rapprezentanti prezz ta' zebgha mibjugha u konsenjata lilu .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' Dicembru 1996, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi d-domanda attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt peress illi z-zebgha kkonsenjata u li taghha qieghed jintalab il-hlas ma kenitx tal-kwalita’ pattwita .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn, wara li ppremetta illi l-konvenut irid jinqeda b’dan l-avviz sabiex iqanqal l-kontro talba tieghu ai termini tal-Artikolu 396 tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) .

Illi konsegwenza tal-konsenja da parti tas-socjeta’ attrici ta’ zebgha ta’ kwalita diversa minn dik miftehma l-konvenut inkorra f’danni sostanzjali kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawza .

Illi s-socjeta attrici qed tirrifjuta li tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ dawn id-danni .

Talab lis-socjeta’ attrici tghid ghaliex ma ghandhiex tigi kkundannata minn din il-Qorti thallas dawk id-danni kollha li jigu hekk likwidati bhala danni sofferti mill-konvenut konsegwenza ta’ dan in-nuqqas da parti tal-attrici .

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali spedita fi Frar 1997 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici ghal din il-kontro-talba fejn eccepiet :

1. Illi l-kontrotalba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi z-zebgha mibjugha u konsenjata lill-konvenut kienet tal-kwalita pattwita .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza s-socjeta’ attrici qed titlob minghand il-konvenut il-hlas ghal kwantita’ ta’ zebgha mibjugha u kkonsenjata lilu . Il-konvenut qed jirrifjuta li jhallas ghax jikkontendi illi din iz-zebgha ma kienitx tal-kwalita’ pattwita . Anzi apparti dan ir-rifjut tieghu li jhallas, qieghed da parti tieghu ifittex ukoll lis-socjeta’ attrici ghad-danni .

Irrizulta illi l-konvenut u l-mara tieghu kienu raw xi xoghol ta’ tibjid partikolari ghand xi hbieb taghhom u thajru jbajdu d-dar gdida taghhom bl-istess mod . Gew infurmati illi din it-tip ta’ zebgha bit-tikek kienet tissuplixxiha s-socjeta’ attrici . Allura marru l-fabbrika taghha Malta, gew murija xi kampjuni u ghazlu tlieta sabiex jiddecidu fuq il-post id-dar liema minnhom jaghzlu . Dawn il-kampjuni saru fuq tliet bicciet tal-kartun . Nofs minn kull bicca giet moghtija lill-konvenut u n-nofsijiet l-ohra inzammu mis-socjeta’ attrici . Il-kampjuni gew ukoll enumerati min-numru “1” sa “3” rispettivament[1] . Kull ma kellu jaghmel il-konvenut kien illi, wara li flimkien mal-mara tieghu, jaghzel il-kampjun li xtaqu juzaw fid-dar taghhom, jaghti n-numru relattiv lis-socjeta’ attrici permezz tat-telephone u din tlesti t-tahlita taz-zebgha skond il-kampjun maghzul . Din iz-zebgha bit-tikek kellha tigi sprejjata fuq tibjida ohra ta’ *base colour* li kellha titlesta mill-konvenut stess . Ghax-xoghol ta’ l-ispray gie nkarigat certru Raymond Galea, li kien ghamel l-istess xoghol ghand il-hbieb taghhom .

Gara pero’ illi wara xi nofs siegha li kien beda x-xoghol, il-konvenut beda jinduna illi l-kulur ma kienx gej skond il-kampjun maghzul . Wera t-thassib tieghu lill-bajjad, imma dan biex iserrahlu mohhu assikurah illi l-kulur kien ser jiskura wara li jinxef u kien jigi jixxiebah hafna lil dak tal-kampjun . Allura l-konvenut hallieh ikompli bix-xoghol sa ma tlesta kollox . Imma wara li nixfet iz-zebgha il-konvenut baqa’ josserva illi l-kulur xorta wahda baqa’ iktar car minn dak tal-kampjun . Il-bajjad imbaghad issuggerielu li seta’ jirrimedja billi jordna zewg bramel

[1] Ara kampjuni esebiti, dokti JS1, 2 u 3 rispettivament a fol. 58 – 60 tal-process .

zebgha ohra, jerga' jaghti li *spray* u b'hekk il-kulur jiskura . Il-konvenut allura cempel lil Joseph Pace tas-socjeta' attrici biex jinfurmah b'li kien gara . Wara xi zmien u fi sforz li jittransigu, Pace offra li jibghat dawn iz-zewg bramel zebgha lill-konvenut, imma dan insista illi x-xoghol rimedjali kellu isir a spejjez tas-socjeta' attrici . Madankollu baqa' ma ntalahqx ftehim u ghalhekk inbdew il-proceduri prezenti .

Jirrizulta ndubbjament bhala fatt, mill-kampjuni esebiti illi, filwaqt li l-konvenut ordna z-zebgha skond il-kampjun bin-numru "1"[2], iz-zebgha mibghuta lilu u li ntuzat fid-dar tieghu kienet tassew aktar cara[3] . Jidher illi dan gie accettat ukoll mis-socjeta' attrici . F'tali cirkostanzi huwa ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti li tiddecidi jekk il-konvenut hux intitolat jirrifjuta li jhallas ghaz-zebgha mhux skond il-kampjun konsenjata mis-socjeta' attrici u jitlob id-danni minghandha .

Dwar il-bejgh skond kampjun, il-**Baudry-Lacantienerie** jghallem illi :

"*La vendita a consegna si fa spesso sopra campione o sopra tipo…. Quando vende sopra campione o sopra tipo, il venditore si obbliga a consegnare mercanzie conformi al campione o al tipo che ha servito di base al contratto . Il campione ed il tipo precisano cosi' la qualita' che dovra' avere la merce da consegnarsi .*

*Il campione e una piccola quantita' di merce che si preleva da una quantita' piu' grande di mercanzie simili offerte in vendita e che il venditore rimette al compratore per fargli conoscere le qualita' dell'insieme .*

*Colui che ha comprato sopra campione ha il diritto di pretendere mercanzie assolutamente conformi al campione, e puo' rifiutare qualsisi meranzia che non fosse*

---

[2] dok. JS. 1 a fol. 58 .
[3] dok. JS. 4 a fol. 61, li hija cover ta' connection box maqlugha minn hajt fid-dar tal-konvenut .

*conforme,anchorche' fosse di valore uguale ed anche superiore a quella, di cui' egli ha giudcato il campione*."[4]

L-artikolu 1390 tal-Kodici Civili taghna li jirregola l-bejgh ta' oggett mhux skond il-kwalita' miftehma jew bhall-kampjun jistabilixxi, fuq principji simili, illi :

**"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwieghda jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob is-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti" .**

Is-socjeta' attrici ssotni illi gialadarba l-konvenut ma rrifjutax iz-zebgha in kwistjoni u lanqas accetta li jzommha bi prezz ridott kif titlob il-ligi, issa ma jistghax jinghata ragun fil-pretensjonijiet tieghu . Infatti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha, tikkwota minn diversi sentenzi tal-Qrati taghna fejn, ghax ix-xerrej ma rrifjutax l-oggetti mibjugha mhux skond il-kampjun u lanqas talab li jzommhom bi prezz ridott, ma setghetx tirnexxi t-talba tieghu bbazata fuq dan l-artikolu tal-ligi[5] .

Il-konvenut minn naha l-ohra jsostni illi huwa ma setghax isir jaf li z-zebgha ma kienitx tal-kwalita miftehma kemm il-darba ma jipprovahiex . Kien biss wara li beda jsir li *spray* fuq il-hitan tad-dar tieghu b'din iz-zebgha li seta' jinduna li din kienet qed tigi aktar cara minn dik attwalment maghzula, skond il-kampjun provdut mis-socjeta' attrici . Ghalhekk isostni illi f'kaz bhala dan ma setax jibghat iz-zebgha lura qabel ma jkun attwalment ippruvaha . L-istess awtur franciz hawn fuq citat jiddiskuti din id-diffikulta bil-mod segwenti :

"*Allorche' la merce consegnata dal venditore non riunisce le qualita' promesse o quando non e' conforme al campione, il compratore e' forse in obbligo di rifiutarla al momento stesso, in cui gli e' consegnata ? Ha egli per*

---

[4] Trattato Teorico - Pratico di Diritto Civile : Della Vendita e Della Permuta para. 183 pag. 184 .
[5] ara sentenzi citati f'din in-Nota a fol. 76 – 77 .

*farlo un temine limitato ? La legge non prescrive alcun termine . Senza dubbio il compratore deve rifiutare la mercanzia con molta sollecitudine perche' il suo silenzio non possa essere considerato come un'accettazione della mercanzia, nonostate i suoi diffetti ; ma gli occorre il tempo necessario per farne la verifica . Egli puo' di regola, rifiutare la mercanzia difettosa* ***finche' non l'abbia accettata espressamente o tacitamente***"[6] .

Huwa minnu illi l-konvenut ried jara z-zebgha li kien xtara fuq il-hajt qabel ma seta jinduna li din kienet iktar cara minn dik li kien ordna . Infatti sa nofs siegha wara li kien beda x-xoghol ta' l-ispray fuq il-hitan ta' wahda mill-kmamar tad-dar tieghu, kien gia nduna bid-differenza u rrimarka fuq hekk mal-bajjad minnu inkarigat . Imma jekk kellu xi dubbju dwar dan ma messux qaghad fuq l-assikurazzjoni tal-bajjad li l-kulur kien ser jiskura meta jinxef, u jhallieh jibqa' sejjer bix-xoghol sakemm lahaq bajjad id-dar kollha . Dmiru kien li jwaqqaf ix-xoghol immedjament li nduna bid-differenza fil-kulur u jinforma b'dan lis-*suppliers* tieghu immedjatament . Wara kollox il-bajjad kien gie mqabbad mill-konvenut direttament u ma kienx qed jirrapprezenta l-kumpanija li mmanufatturat din iz-zebgha . Id-dritt li jipprova z-zebgha biex jara jekk kienitx taqbel mal-kampjun hadd ma seta' jinnegahulu . Imma lanqas setgha jabbuza minn dan id-dritt, juza z-zebgha kollha, imbaghad jippretendi li jerga' jsir kollox mill-gdid a spejjez tal-venditur, ghax irrejalizza li l-bajjad ma kienx qallu sew u z-zebgha baqghet iktar cara minn kif xtaqha . Jekk zbalja l-bajjad li ried ikompli bix-xoghol biex forsi jehles u ma jkollux ghalfejn jerga' jitla' Ghawdex, darb'ohra, m'ghandux jehel il-venditur . Huwa minnu illi l-konvenut forsi qaghad fuq il-parir tal-bajjad bhala bniedem ta' l-esperjenza f'dan ix-xoghol . Imma tan-nuqqas tal-bajjad m'ghandhiex tbati s-socjeta' attrici .

Ghaldaqstant ma jirrizultax illi wara li kien lahaq uza z-zebgha kollha, l-konvenut issa huwa gustifikat jirrifjuta li jhallas lis-socjeta' attrici . Ghall-istess raguni lanqas ma huwa ntitolat jirreklama ebda danni minghandha .

---

[6] op. Cit . para. 312 pag. 324 .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut, tilqa’ t-talba attici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ndikata ta’ tliet mija seba’ u sittin lira maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm367.54) rapprezentanti prezz ta’ zebgha mibjugha u kkonsenjata lilu .

Bl-ispjejjez u bl-imghaxijet legali mid-data ta’ din il-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut .
S7397Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------